TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/537/11/S

Alexander, Rita u Ethan Caruana
Vs
Portughes Dry Cleaning Co.Ltd.

Illum 7 ta'Dicembru,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Alexander, Rita u Ethan Caruanaipprezentata fit-22 ta'Dicembru,2011 u r-risposta tas-socjeta Portughes Dry Cleaning Co.Ltd. ipprezentata fil-25 ta'Gunju,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati inkluz il-glekk in kwistjoni, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom maghmula fid-19 t'Ottubru,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda glekk li wara li ttiehet ghal drycleaning', parti minn wara tal-glekk qisu baqa' mtebba' ghalkemm ghadda mill-process ta' "drycleaning" darbtejn;

Illi jinghad mal-ewwel li dan il-glekk inxtara fl-ahhar tas-sena 2008;

Illi r-rappreżentant tas-socjeta konvenuta xehed li l-problema fuq il-glekk kienet 'abrasion' fil-materjal u cioe li l-materjal kien mibrux;

Illi skont l-istess rapprezentant tas-socjeta konvenuta, il-problema ma kinitx rizultat tal-process ta' "drycleaning";

Illi t-Tribunal kkonstata li din it-'tebgha' ma tidhirx malajr vizwalment u tidher l-iktar meta wiehed ifittxa b'certu reqqa u f'certu dawl;

Illi l-atturi naqsu li jippruvaw li din it-'tebgha' (ghax it-Tribunal mhuwiex konvint li din hi fil-fatt tebgha) sehhet b'konsegwenza u b'rizultat ta' dak li ghamlet is-socjeta konvenuta;

Illi hemm diversi fatturi li jridu jittiehdu in kunsiderazzjoni bhal x'tip kien il-materjal u kif jitnaddaf;

Illi l-verzjoni moghtija mir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta hi iktar verosimili minn tal-atturi;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Illi mill-provi li tressqu, it-Tribunal mhuwiex konvint li t-talba kif dedotta ghandha tigi milqugha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta Portughes Dry Cleaning Co.Ltd. u Jichad it-talba tal-atturi Alexander, Rita u Ethan Caruana, b'kull parti thallas l-ispejjez relattivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru